SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

6 ta' Marzu 2008 *

Fil-Kawżi magħquda C-287/06 sa C-292/06,

li għandhom bħala suġġett domandi għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Köln (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-28 ta' April 2006, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Lulju 2006, fil-proċeduri

Deutsche Post AG (C-287/06, C-288/06 u C-291/06),

Magdeburger Dienstleistungs- und Verwaltungs GmbH (**MDG**) (C-289/06),

Marketing Service Magdeburg GmbH (C-290/06),

Vedat Deniz (C-292/06)

vs

Bundesrepublik Deutschland,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

fil-preżenza ta':

Marketing Service Magdeburg GmbH (C-287/06),

Citipost Gesellschaft für Kurier- und Postdienstleistungen mbH (C-288/06),

Deutsche Post AG (C-289/06, C-290/06 u C-292/06),

Magdeburger Dienstleistungs- und Verwaltungs GmbH (**MDG**) (C-291/06),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann (Relatur), President ta' l-Awla, A. Tizzano, A. Borg Barthet, M. Ilešič u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Settembru 2007,

wara li kkunsid rat is-sottomissjonijiet ippreżentati:

— għal Deutsche Post AG, minn J. Sedemund u S. Gerstner, Rechtsanwälte,

— għal Marketing Service Magdeburg GmbH, Citipost Gesellschaft für Kurier- und Postdienstleistungen mbH u Magdeburger Dienstleistungs- und Verwaltungs GmbH (MDG), minn C. Freiherr von Ulmenstein, Rechtsanwalt,

— għal Vedat Deniz, minn T. Brach, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma, bħala aġent, assistit minn T. Lübbig, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Belġjan, minn A. Hubert, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn G. Braun u K. Simonsson, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Id-domandi għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 47(2) KE u 95 KE, kif ukoll ta' l-Artikoli 7(1) u l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 7 u l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12, tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU 1998, L 15, p. 14), kif emendata bid-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 176, p. 21, iktar 'il quddiem, id-"Direttiva 97/67").

2 Dawn id-domandi ġew ippreżentati fil-kuntest ta' kawżi bejn, minn naħa, Deutsche Post AG (iktar 'il quddiem "Deutsche Post"), bħala fornitur tas-servizz postali universali fil-Ġermanja, kif ukoll, min-naħa l-oħra, Magdeburger Dienstleistungs- und Verwaltungs GmbH (MDG), Marketing Service Magdeburg GmbH u Vedat Deniz (iktar 'il quddiem "l-intermedjarji kkonċernati") kontra l-Bundesrepublik Deutschland dwar id-deċiżjonijiet tal-Bundesnetzagentur (aġenzija federali tan-networks, iktar 'il quddiem il-"BNA") dwar l-għoti u l-kundizzjonijiet ta' aċċess ta' l-imsemmija intermedjarji għas-servizzi parzjali ta' Deutsche Post fin-network tagħha postali.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Id-Direttiva 97/67 tat bidu għall-proċess tal-liberalizzaazzjoni gradwali tas-suq tas-servizzi postali. Skond il-kliem tat-tieni premessa tad-Direttiva 2002/39, id-Direttiva 97/67 "stabbiliet qafas regolatorju għas-settur postali f'livell Komunitarju, inklużi miżuri biex jiġi garantit servizz universali u jiġu stabbiliti limiti massimi għas-servizzi postali li Stati Membri jistgħu jirriservaw għall-provditur(i) [fornituri] tas-servizz universali tagħhom bl-iskop li jinżamm is-servizz universali, u skeda biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-ftuħ ulterjuri tas-suq għall-kompetizzjoni, għall-iskopijiet li jiġi kkreat suq singolu f'servizzi postali".

4 Id-Direttiva 2002/39 tkompli din il-liberalizzazzjoni u, skond l-erbatax u l-erbgħa u għoxrin premessa, hija tistabbilixxi skeda għall-ftuħ gradwali u kkontrollat tas-suq postali għall-kompetizzjoni, u tindika d-data ipotetika ta' l-2009 għall-ikkompletar tas-suq intern tas-servizzi postali.

5 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/67 jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. servizzi postali: servizzi li jinvolvu l-ikklerjar [ġbir], l-issortjar, it-trasport [it-tqassim] u l-kunsinna ta' oġġetti postali;

2. network pubbliku postali: is-sistema ta' organizzazzjoni u riżorsi ta' kull xorta użati mill-fornitur/i ta' servizz universali għall-iskopijiet b'mod partikolari ta':

— l-ikklerjar [ġbir] ta' oġġetti postali koperti b'obbligazzjoni ta' servizz universali minn punti ta' aċċess mat-territorju kollu,

— ir-routing [it-tqassim] u l-ġarr ta' dawk l-oġġetti mill-punt ta' aċċess tan-network postali għaċ-ċentru ta' tqassim,

— it-tqassim [distribuzzjoni] lill-indirizzi murija fuq l-oġġetti;

3. punti ta' aċċess: faċilitajiet fiżiċi, inklużi kaxxi ta' l-ittri provduti għall-pubbliku jew fuq awtostrada pubblika jew fil-post tal-fornitur ta' servizz universali, fejn l-oġġetti postali jistgħu jiġu depożitati man-network pubbliku postali mill-klijenti;

4. ikklerjar [ġbir]: l-operazzjoni tal-ġbir ta' l-oġġetti postali depożitati fil-punti ta' aċċess;

[…]"

6 F'dak li jikkonċerna s-servizzi li jistgħu jiġu rriżervati għall-fornitur(i) tas-servizz postali universali, l-ewwel, it-tielet u r-raba' subpargrafi ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 97/67 jipprovdu:

"Sa fejn neċessarju sabiex jiġi assigurat il-manteniment ta' servizz universali, Stati Membri jistgħu ikomplu jirriżervaw servizzi għall-fornitur(i) tas-servizz universali. Dawk is-servizzi għandhom ikunu llimitati għal clearance [ġbir], organizzazzjoni [issortjar], trasport u kunsinna ta' oġġetti ta' korrispondenza domestika u korrispondenza għal ġewwa trans fruntiera, kemm b'kunsinn aċċelerata u kemm jekk le, fil-limiti ta' kemm il-piż u kemm il-prezz li ġejjin. Il-limitu tal-piż għandu jkun 100 gramma mill-1 ta' Jannar 2003 u 50 gramma mill-1 ta' Jannar 2006. Dawn il-limiti tal-piż m'għandhomx japplikaw mill-1 ta' Jannar 2003 jekk il-prezz huwa ugwali għal, jew iktar minn, tliet darbiet it-tariffa pubblika għal oġġett ta' korrispondenza fl-ewwel livell tal-piż tal-kategorija l-iktar mgħaġġla, u, mill-1 ta' Jannar 2006, jekk il-prezz huwa ugwali għal, jew iktar minn, darbtejn u nofs din it-tariffa.

[…]

Sa fejn neċessarju sabiex tiġi assigurata provvista ta' servizz universali, posta diretta tista' tibqa' tiġi rriżervata fl-istess limiti tal-piż u tal-prezz.

Sa fejn neċessarju sabiex tiġi assigurata provvista ta'servizz universali, per eżempju meta ċerti setturi ta' attività postali diġà ġew liberalizzati jew minħabba l-karatteristiċi speċifiċi partikolari għas-servizzi postali fi Stat Membru, posta għal barra transfruntiera tista' tibqa' tiġi rriżervata fl-istess limiti ta' piż u ta' prezz."

7 L-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 97/67 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' servizzi mhux riżervati. F'dan ir-rigward, huma previsti awtorizzazzjonijiet ġenerali u liċenzji ġenerali għall-impriżi kompetituri.

8 Skond l-Artikolu 11 ta' l-imsemmija direttiva:

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, waqt li jagixxu fuq proposta tal-Kummissjoni u fuq il-bażi ta' l-Artikoli 57(2), 66 u 100a tat-Trattat, għandhom jadottaw il-miżuri ta' armonizzazzjoni li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-konsumaturi u l-fornitur/i ta' servizz universali jkollhom aċċess għan-network pubbliku postali taħt kondizzjonijiet li huma trasparenti u mhux diskriminatorji."

9 F'dak li jikkonċerna l-prinċipji ta' tariffa li l-forniturи tas-servizz postali universali huma obbligati li josservaw, ir-raba' u l-ħames inċiżi ta' l-Artikolu 12, ta' l-istess direttiva jobbligaw lill-Istati Membri sabiex jieħdu passi biex it-tariffi għal kull wieħed mis-servizzi li jagħmlu parti mill-provvista ta' l-imsemmi servizz universali jkunu konformi mal-prinċipji ta' trasparenza u ta' non-diskriminazzjoni.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

10 Id-Direttiva 97/67 ġiet trasposta fis-sistema legali Ġermaniża permezz tal-liġi dwar is-servizzi postali (Postgesetz), tat-22 ta' Diċembru 1997 (BGBl. 1997 I, p. 3294), kif emendata ulterjorment (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar is-servizzi postali"). Bis-saħħa ta' din il-liġi, Deutsche Post hija l-fornitur tas-servizz postali universali fis-sens ta' l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva. Il-BNA hija l-awtorità regolamentarja Ġermaniża fis-sens ta' l-Artikolu 22 ta' l-istess direttiva.

11 L-Artikolu 51 tal-liġi dwar is-servizzi postali jipprovdi, fir-rigward tal-liċenzji li għandhom jingħataw lill-fornitur tas-servizz postali universali, minn naħa, u lill-impriżi kompetituri, min-naħa l-oħra:

"(1) Sal-31 ta' Diċembru 2007, id-Deutsche Post […] għandha d-dritt esklużiv li tqassam b'mod kummerċjali l-posta u l-katalgi li għandhom indirizz, li jiżnu inqas minn 50 gramma kull wieħed u l-prezz unitarju tagħhom huwa inqas mill-prezz applikabbli għal oġġetti postali korrispondenti tal-kategorija ta' piż l-iktar baxx (liċenzja legali esklużiva), immultiplikat għal darbtejn u nofs. L-ewwel sentenza ma tapplikax:

[…]

5. għal kull min jiġbor posta mingħand il-mittent, fuq talba tiegħu, sabiex jeħodhom fil-punt ta' ġbir l-iktar qrib tad-Deutsche Post […] jew punt ieħor ta' ġbir tad-Deutsche Post […] li jinsab fl-istess lokalità;

[…]"

12 L-impriżi kompetituri jistgħu wkoll jitlobu lill-fornitur tas-servizz postali universali, taħt ċerti kundizzjonijiet, sabiex jingħataw aċċess għal xʻuħud mis-servizzi ta' tqassim tagħhom. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 28(1) tal-liġi dwar is-servizzi postali jipprovdi:

"Jekk proprjetarju ta' liċenzja għandu pożizzjoni dominanti fis-suq ta' servizzi postali li huma suġġetti għal liċenzja, huwa għandu, sakemm it-talba tkun saret, jipproponi

separatament f'dan is-suq x'uħud mis-servizzi tiegħu ta' tqassim, safejn dan ikun ekonomikament aċċettabbli għalih. Fil-konfront ta' fornitur ieħor ta' servizzi postali, l-obbligu fis-sens ta' l-ewwel sentenza jeżisti biss jekk l-impriża li tagħmel it-talba m'għandhiex pożizzjoni dominanti u jekk il-kompetizzjoni inkella tkun ristretta b'mod spoporzjonat f'dan is-suq jew f'suq ieħor. Il-proprjetarju tal-liċenzja għandu d-dritt li jirrifjuta s-servizz parzjali jekk dan għandu mnejn iqiegħed f'periklu t-tħaddim tajjeb ta' l-istallazzjonijiet tiegħu jew is-sigurtà ta' l-impriża u jekk ma jkunx fadallu, fejn xieraq, kapaċitajiet li jipprovdi s-servizz mitlub."

Il-kawżi prinċipali u d-domanda preliminari

13 L-intermedjarji kkonċernati huma impriżi privati li joperaw fil-qasam tas-servizzi postali. Huma għandhom liċenzja skond il-punt 5 tat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 51(1) tal-liġi dwar is-servizzi postali, li jawtorizzahom iqassmu sad-destinatarju korrispondenza li tinġabar mingħand il-mittent, fuq talba tiegħu u f'ismu, sabiex jittieħdu fl-istabbiliment tad-Deutsche Post l-iktar qrib jew fi stabbiliment ieħor li jinsab fl-istess lokalità.

14 Is-sistema ta' tqassim tal-posta stabbilita mill-fornitur tas-servizz postali fil-Ġermanja, jiġifieri Deutsche Post, hija organizzata bil-mod kif ġej, jiġifieri l-posta ddepożitata mill-mittenti fil-kaxxi ta' l-ittri u fl-uffiċċji tal-posta tinġabar u wara tiġi ttrasportata lejn "ċentru postali" (taqsima ta' tqassim intern li, normalment, mhuwiex miftuħ għall-pubbliku) l-iktar qrib tal-mittent, fejn il-posta l-ewwel tiġi ssortjata skond ir-reġjun ta' destinazzjoni u skond il-format. Imbagħad il-posta tiġi ttrasportata lejn iċ-ċentru postali l-iktar qrib tad-destinatarju, fejn isir l-issortjar dettaljat, u fl-aħħar nett, il-posta mqassma lid-destinatarji.

15 Permezz ta' deċiżjoni tal-BNA tal-15 ta' Settembru 2000, Deutsche Post ġiet imġiegħla taċċetta li toffri tariffi speċjali għal klijenti professjonali li jwettqu huma stess ċerti operazzjonijiet preliminari, jiġifieri li jagħmlu l-kunsinna ta' kwantitajiet minimi ggarantiti ta' posta, issortjata minn qabel skond ir-reġjun ta' destinazzjoni u skond il-format, direttament fiċ-ċentri postali ta' tluq. L-imsemmija tariffi speċjali ġew riprodotti fil-kundizzjonijiet ġenerali offruti minn Deutsche Post.

16 Fis-27 ta' Ġunju 2001, Vedat Deniz talbet lil Deutsche Post sabiex tippreżenta proposta ta' servizz parzjali fis-sens ta' l-Artikolu 28 tal-liġi dwar is-servizzi postali. Din it-talba kienet tirrigwarda b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġu ddepożatati f'ċentru postali, għal għanijiet kummerċjali, f'isimiha u bl-istess tariffi speċjali applikabbli għall-klijenti professjonali ta' Deutsche Post, kwantitajiet kbar ta' posta miġburin mingħand diversi klijenti, miġburin fi gruppi u ssortjati minn qabel.

17 Peress li d-Deutsche Post kienet irrifjutat li tagħmel din il-proposta lil Vedat Deniz, din ta' l-aħħar talbet lill-BNA sabiex hija tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-servizzi parzjali. Din ta' l-aħħar ċaħdet, permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2001, it-talba ta' Vedat Deniz peress li kkunsidrat li l-liċenzja mogħtija bis-saħħa tal-punt 5 tat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 51(1) tal-liġi dwar is-servizzi postali ma tawtorizzax lill-proprjetarju tagħha li jipprovdi s-servizz ta' ċerti partijiet mill-katina ta' tqassim tal-posta.

18 Fl-10 ta' Ottubru 2001, Vedat Deniz ressqet rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni ta' ċaħda quddiem il-qorti tar-rinviju.

19 Xi snin wara, il-Bundeskartellamt (awtorità federali kompetenti fil-qasam tal-kompetizzjoni), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2005, ipprojbixxiet lid-Deutsche Post milli tirrifjuta lill-intermedjarji l-aċċess għal servizzi parzjali safejn hija tagħti tali

aċċess u tnaqqis fil-prezz, minn naħa, lill-mittenti ta' posta f'ammont kbir, fil-kuntest ta' "kuntratti ta' servizzi parzjali mal-klijent", u dan indipendetement mil-limiti ta' piż u ta' prezz previsti mil-liċenzja esklużiva, kif ukoll, min-naħa l-oħra, lill-intermedjarji fil-kuntest ta' "kuntratti ta' servizzi parzjali mal-kompetitutri", għat-tqassim ta' posta li taqbeż l-imsemmija limiti ta' piż u ta' prezz.

20 Wara l-imsemmija deċiżjoni tal-Bundeskartellamt, l-intermedjarji kkonċernati stiednu lil Deutsche Post sabiex tagħmlilhom proposta ta' servizzi parzjali għall-posta li huma jqassmu għall-klijenti tagħhom bi prezzijiet ekwivalenti għal dawk offruti minn Deutsche Post lill-klijenti tagħha.

21 Xi ġimgħat wara, l-imsemmija intermedjarji talbu lill-BNA sabiex tistabbilixi l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għall-imsemmija servizzi parzjali. Dawn it-talbiet ġew immotivati bil-fatt li, fil-fehma tagħhom, id-Deutsche Post tagħmel diskriminazzjoni meta ma tagħtihomx l-istess tariffi li jgawdu l-klijenti ta' din il-kumpannija.

22 Permezz ta' deċiżjonijiet ta' l-24 ta' Ottubru 2005, il-BNA laqgħet parzjalment l-imsemmija talbiet inkwantu hija, b'mod partikolari, ġiegħlet lid-Deutsche Post tagħti lill-intermedjarji l-aċċess għaċ-ċentri postali bil-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-intermedjarji professjonali. Id-deċiżjoni ġiet adottata taħt il-kundizzjoni tar-revoka tagħha fil-każ li d-deċiżjoni tal-Bundeskartellamt tkun annullata wara l-proċedura ta' appell jew abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-Qorti tal-Ġustizzja.

23 L-intermedjarji kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta' Vedat Deniz, kif ukoll id-Deutsche Post, għal raġunijiet differenti, ippreżentaw rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra l-imsemmija deċiżjonijiet tal-BNA.

24 Il-Verwaltungsgericht Köln, peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lill-ħames inċiż ta' Artikolu 12, tad-Direttiva 97/67, moqri flimkien ma' l-Artikolu 7 tiegħu, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja, li hija fformulata fi kliem identiku fil-kawżi C-287/06 sa C-292/06:

"Id-dispożizizzjonijiet ta' l-Artikolu 47(2) KE flimkien ma' dawk ta' l-Artikolu 95 KE, tal-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12, u ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [97/67], […] fis-sens li, meta fornitur ta' servizzi universali japplika tariffi speċjali għall-klijenti professjonali li jqiegħdu posta fin-network postali billi jiddepożitawha ssortjata minn qabel fiċ-ċentri postali, dan il-fornitur huwa obbligat li japplika dawn it-tariffi speċjali wkoll għall-impriżi li jmorru jiġbru l-posta mingħand il-mittent u jissortjawha minn qabel sabiex iqiegħdu din il-posta fin-network postali fl-istess punti ta' aċċess u taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-klijenti professjonali, mingħajr ma' l-fornitur tas-servizz universali jkun jista' jopponi ruħu billi jinvoka l-obbligu tiegħu li jipprovdi s-servizz universali?"

25 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Ottubru 2006, il-kawżi C-287/06 sa C-292/06 ġew magħquda għall-għanjiet tal-proċedura bil-miktub u dik orali kif ukoll għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq id-domanda preliminari

26 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob essenzjalment jekk id-Direttiva 97/67 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi li l-impriżi li jiġbru fi gruppi, għal għanijiet kummerċjali u f'isimhom, il-posta ta' diversi mittenti jiġu miċħuda l-benefiċċju tat-tariffi speċjali li l-fornitur nazzjonali tas-servizz postali universali jagħti, fil-qasam tal-liċenzja esklużiva tiegħu, lil klijenti professjonali għad-depożitu fiċ-ċentri postali tagħha ta' kwantitajiet minimi ta' posta ssortjata minn qabel.

27 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' tariffi speċjali, id-Direttiva 97/67 tipprovdi b'mod espliċitu, fil-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12, li "l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li t-tariffi għal kull wieħed mis-servizzi li jagħmlu parti mill-provvista ta' servizz universali jkunu jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

[…]

— kull meta fornituri tas-servizz universali japplikaw tariffi speċjali, per eżempju għal servizzi għal negozji, dawk li jibagħtu l-posta f'ammont kbir jew konsolidaturi ta' posta minn klijenti differenti, għandhom japplikaw il-prinċipji ta' trasparenza u non-diskriminazzjoni fir-rigward ta' kemm it-tariffi u kemm il-kondizzjonijiet assoċjati. It-tariffi għandhom jieħdu kont ta' spejjeż evitati, meta pparagunati mas-servizz standard li jkopri l-firxa kompleta ta' fatturi offruti għall-ikklerjar [ġbir], it-trasport, l-organizzazzjoni u l-kunsinna ta' oġġetti postali individwali u, flimkien mal-kondizzjonijiet assoċjati, għandhom japplikaw ugwalment kemm bħal bejn partijiet terzi u kemm bejn partijiet terzi u fornituri tas-servizz universali li jfornu servizzi ekwivalenti. Dawn it-tariffi għandhom ukoll ikunu disponibbli għal kijenti privati li jimpustaw taħt kondizzjonijiet simili."

28 Jirriżulta b'mod ċar minn din id-dispożizzjoni li, jekk fornitur ta' servizz postali universali japplika tariffi speċjali, huwa għandu, sabiex iħares il-prinċipji ta' trasparenza u ta' non-diskriminazzjoni, japplikahom bl-istess mod b'mod partikolari fir-relazzjonijiet ma' terzi. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu Deutsche Post u l-Gvern Ġermaniż, meta tali fornitur japplika tariffi speċjali għall-impriżi u/jew għall-mittenti ta' posta f'ammont kbir, l-intermedjarji responsabbli li jiġbru flimkien il-posta ta' diversi klijenti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess tariffi bl-istess kundizzjonijiet.

29 Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argumenti ta' Deutsche Post u tal-Gvern Ġermaniż intiżi li juru li l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva 97/67 ma jeżiġix li l-intermedjarji kkonċernati u l-klijenti professjonali tal-fornitur tas-servizz postali universali jiġu ttrattati b'mod ugwali.

30 F'dan ir-rigward, Deutsche Post u l-imsemmi Gvern qabel kollox isostnu li l-attività ta' ġbir, ta' trasport u ta' ssortjar imwettqa mill-intermedjarji kkonċernati taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-qasam li jista' jiġi riżervat skond l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 97/67 u li, fil-fatt, ġie rriżervat fl-interess ġenerali mil-leġiżlatur Ġermaniż lil Deutsche Post sal-31 ta' Diċembru 2007. Konsegwentement, dawn ta' l-aħħar ma jistgħux jiġu awtorizzati joffru s-servizzi tagħhom li għalihom huma talbu l-benefiċċju ta' tariffi speċjali. Bil-kontra, il-klijenti professjonali jaġixxu bħala "self providers", fis-sens tal-wieħed u għoxrin premessa ta' l-istess direttiva, u ma jistgħux, għalhekk, jidħlu fil-qasam tal-liċenzja esklużiva tad-Deutsche Post.

31 Għandu jiġi mfakkar li, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 97/67, safejn neċessarju sabiex jiġi assigurat il-manteniment ta' servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jirriżervaw servizzi għall-fornitur(i) tas-servizz universali. Dawk is-servizzi għandhom ikunu limitati għall-ikklerjar [ġbir], organizzazzjoni, trasport u kunsinna ta' oġġetti ta' korrispondenza domestika u korrispondenza għal ġewwa transkonfinali. Safejn neċessarju sabiex tiġi assigurata provvista ta' servizz universali, posta diretta u posta għal barra transkonfinali tista', skond it-tielet u r-raba' paragrafi ta' l-imsemmi Artikolu 7(1), tibqa' tiġi rriżervata fl-istess limiti ta' piż u ta' prezz kif definiti f'dan il-paragrafu.

32 Madankollu, kif jirriżulta mill-kliem tat-tieni sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 97/67, il-katina ta' tqassim tista' tiġi rriżervata lill-fornitur tas-servizz postali universali tibda biss bil-ġbir. Skond il-punt 4 ta' l-Artikolu 2, l-"ikklerjar" [ġbir] ifisser l-operazzjoni tal-ġbir ta' l-oġġetti postali depożitati fil-punti ta' aċċess, li huma ddefiniti, fil-punt 3 ta' l-istess Artikolu, bħala, "faċilitajiet fiżiċi, inklużi kaxxi ta' l-ittri provduti għall-pubbliku jew fuq awtostrada pubblika jew fil-post tal-fornitur ta' servizz universali, fejn l-oġġetti postali jistgħu jiġu depożitati man-network pubbliku postali mill-klijenti".

33 Għandu jiġi kkonstatat li l-faċilitajiet fiżiċi bħalma huma ċ-ċentri postali ta' Deutsche Post jikkostitwixxu punti ta' aċċess fis-sens ta' l-imsemmi punt 3 ta' l-Artikolu 2. Fil-fatt, huwa stabbilit li l-klijenti professjonali ta' din il-kumpannija jistgħu jiddepożitaw magħha l-posta tagħhom fin-network postali pubbliku amministrat minn din ta' l-aħħar inkwantu fornitur tas-servizz postali universali. Kuntrarjament għal dak li ssostni Deutsche Post, il-kwistjoni dwar jekk is-servizzi parzjali pprovduti minn dawn il-klijenti kummerċjali nfushom jew f'isimhom sad-depożitu tal-posta fiċ-ċentri postali jistgħux jiġu deskritti bħala "self provision" mhijiex rilevanti f'dan ir-rigward.

34 Barra minn hekk, kif hekk josserva l-gvern Ġermaniż fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, barra l-qasam tal-liċenzja esklużiva ta' Deutsche Post, il-kompetituri ta' din ta' l-aħħar għandhom ukoll, abbażi tal-liġi dwar is-servizzi postali, aċċess għaċ-ċentri postali u għat-tnaqqis fil-prezz mogħti għas-servizzi parzjali. Tali aċċess jidher li huwa meħtieġ mill-fatt li, kif tippreċiża Vedat Deniz fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, mingħajr ma ġiet kontradetta fuq dan il-punt, il-kaxxi ta' l-ittri u l-uffiċċji tal-posta ta' Deutsche Post huma żgħar wisq sabiex kwantitajiet kbar ta' posta jkunu jistgħu jintlaqgħu u jiġu trattati.

35 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li attività bħalma hija l-ġbir ta' posta permezz ta' intermedjarji minn diversi mittenti, l-issortjar minn qabel ta' din il-posta u t-trasport tagħha sal-punti ta' aċċess bħalma huma ċ-ċentri postali ta' Deutsche Post ma taqax taħt il-qasam li jista' jiġi rriżervat skond l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 97/67. Għalhekk din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata sabiex tiġġustifika trattament ta' l-intermedjarji kkonċernati li huwa differenti minn dawk li jgawdu l-klijenti kummerċjali ta' l-imsemmija kumpannija.

36 Deutsche Post u l-Gvern Ġermaniż madankollu jsostnu li l-fatt li l-intermedjarji jiġu permessi jibbenefikaw mill-aċċess għaċ-ċentri postali u mit-tnaqqis fil-prezz korrispondenti għal servizz parzjali f'dak li jikkonċerna l-posta li, fid-dawl tal-piż u tal-prezz tagħha, taqa' taħt il-liċenzja esklużiva ta' din il-kumpannija jqiegħed f'riskju l-ekwilibriju finanzjarju ta' din ta' l-aħħar. Fil-fatt, dawn l-intermedjarji jistgħu b'hekk joffru lil klijentela li tħalli qliegħ, li tibgħat 80 % tal-posta kollha, is-servizz postali komplet b'tariffi li huma orħos minn dawk ta' Deutsche Post. Għas-servizzi li huma iktar għoljin, b'mod partikolari t-tqassim fir-reġjuni rurali, l-imsemmija intermedjarji jistgħu għalhekk jużaw is-servizzi tal-fornitur tas-servizz postali universali, li jaġixxi bħal subappaltatur, li jkun marbut li jżomm l-istruttura kollha kemm hi f'dawk li huma mezzi u persunal.

37 F'dan ir-rigward, biżżejjed jiġi osservat li, skond il-ħames inċiż ta' l- Artikolu 12, tad-Direttiva 97/67, it-tariffi speċjali "għandhom jieħdu kont ta' spejjeż evitati, meta pparagunati mas-servizz standard li jkopri l-firxa kompleta ta' fatturi offruti għall-ikklerjar[ġbir], it-trasport, l-organizzazzjoni u l-kunsinna ta' oġġetti postali individwali". L-imsemmija tariffi jistgħu għaldaqstant jiġu stabbiliti b'tali mod li jkopru l-ispejjeż speċifiċi marbuta mal-provvista tas-servizz postali universali u huma distinti mit-tariffi postali biss mill-fatt li l-ispejjeż effettivament evitati huma mnaqqsa minn dawn it-tariffi ta' l-aħħar, b'tali mod li l-offerta ta' tariffi speċjali ma jaffettwax l-ekwilibriju finanzjarju tal-fornitur tas-servizz postali universali.

38 B'dan il-mod, jekk jirriżulta li l-konċessjoni lill-intermedjarji tat-tnaqqis fil-prezz li fil-preżent huwa konċess biss lill-klijenti kummerċjali ta' Deutsche Post ikollu l-effett li l-imsemmi tnaqqis fil-prezz ikun eċċessiv meta mqabbel ma' l-ispejjeż evitati, din il-kumpannija jkollha d-dritt tnaqqas, safejn ikun meħtieġ, dan it-tnaqqis fil-prezz għall-benefiċjarji kollha ta' dan.

39 Barra minn hekk, huwa stabbilit li t-tqassim ta' posta li taqa' taħt il-qasam tal-liċenzja esklużiva tal-fornitur tas-servizz postali universali jibqa', bħala regola ġenerali, irriżervat lil dan il-fornitur u li t-tnaqqis fil-prezz konċess fil-preżent minn Deutsche Post lill-klijenti kummerċjali tagħha għad-depożitu fiċ-ċentri postali, ta' kwantitajiet minimi ta' posta ssortjata minn qabel ivarja bejn 3 % u massimu ta' 21 %.

40 Deutsche Post u l-Gvern Ġermaniż isostnu wkoll li l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva 97/67 huwa biss dispożizzjoni ta' tariffi u, għalhekk, ma jistax ikollu l-konsegwenza li Stat Membru jiġi mġiegħel jiftaħ, fil-qasam tal-liċenzja esklużiva tal-fornitur tas-servizz postali universali, l-aċċess għal servizzi postali parzjali lill-kompetituri. Fil-fatt, l-aċċess għan-network postali pubbliku huwa s-suġġett ta' l-Artikolu 11 ta' l-istess direttiva, li jipprovdi li l-leġiżlazzjoni dwar l-imsemmi aċċess għandha ssir ulterjorment mil-leġiżlatur Komunitarju; dan ta' l-aħħar madankollu għadu ma eżerċitax din is-setgħa.

41 Huwa minnu li l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva 97/67 mhux intiż sabiex jirregola l-kwistjoni ta' prinċipju jekk fornitur tas-servizz postali universali għandux jew le jagħti aċċess għall-katina postali b'kundizzjonijiet u f'punti differenti minn dawk tas-servizz tal-posta tradizzjonali. Madankollu, kif jirriżulta mill-kliem ta' l-imsemmija dispożizzjoni, din ta' l-aħħar timponi fuq l-Istati Membri obbligu strett ta' osservanza tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' non-diskriminazzjoni fil-każ fejn tali aċċess għal tariffi soċjali huwa, fil-fatt, mogħti minn dan il-fornitur.

42 Kemm Deutsche Post kif ukoll il-Gvern Ġermaniż jammettu li, b'mod iktar liberali milli teżiġi l-imsemmija Direttiva, din il-kumpannija tagħti lill-klijenti kummerċjali tagħha l-aċċess għan-network tagħha f'punti differenti minn dawk ta' aċċess tradizzjonali u toffrilhom, għal dan il-għan, tariffi speċjali.

43 Hija preċiżament din is-sitwazzjoni li l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12, tad-Direttiva 97/67 għandu l-ħsieb li jirregola. Meta fornitur tas-servizz postali universali japplika tariffi speċjali, per eżempju għas-servizzi lill-impriżi, lill-mittenti ta' posta f'ammont kbir jew lill-intermedjarji responsabbli li jiġbru flimkien il-posta ta' diversi klijenti, l-imsemmija tariffi japplikaw, bħall-kundizzjonijiet relatati magħhom, bl-istess mod b'mod partikolari fir-relazzjonijiet bejn terzi.

44 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta lid-domanda magħmula għandha tkun li l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12, tad- Direttiva 97/67 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi li l-impriżi li jiġbru fi gruppi, għal għanijiet kummerċjali u f'isimhom, il-posta ta' diversi mittenti jiġu miċħuda l-benefiċċju tat-tariffi speċjali li l-fornitur nazzjonali tas-servizz postali universali jagħti, fil-qasam tal-liċenzja esklużiva tiegħu, lil klijenti professjonali għad-depożitu fiċ-ċentri postali tagħha ta' kwantitajiet minimini ta' posta ssortjata minn qabel.

Fuq l-ispejjeż

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997, dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/39/KE, ta' l-10 ta' Ġunju 2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi li l-impriżi li jiġbru fi gruppi, għal għanijiet kummerċjali u f'isimhom, il-posta ta' diversi mittenti jiġu miċħuda l-benefiċċju tat-tariffi speċjali li l-fornitur nazzjonali tas-servizz postali universali jagħti, fil-qasam tal-liċenzja esklużiva tiegħu, lil klijenti professjonali għad-depożitu fiċ-ċentri postali tagħha ta' kwantitajiet minimi ta' posta ssortjata minn qabel.

Firem